# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 890

KAZ NRU. 1160

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Joseph Cassar

u

Prime Limited

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 10 ta’ Novembru, 1997

**Chairman : Is-Sur Carmel Debono**

1. **Introduzzjoni**

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali b’ittra datata 21 ta’ Lulju, 1997 biex tigi processata skond l-Artiklu 28(2) tal-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266) tal-Ligijiet ta’ Malta. L-ittra ggib ir-referenza MHS/T1/55/97.

It-Tribunal zamm zewg (2) seduti.

L-appellant, Joseph Cassar, kien assistit mill-avukat J.M. Sammut, waqt li s-Socjeta’ Prime Ltd., kienet rapprezentata

mis-sur John Muscat, Managing Director, li kien assistit mis-sur Alfred J. Bellizzi.

## 2. **Il-Fatti**

L-appellant Joseph Cassar kien gie mkecci fit-8 ta' Novembru, 1996 u muri "Discharged" fit-Termination Form tal-E.T.C. Cassar kien gie mpjegat bhala "Butcher" fis-6 ta' April, 1962 u kellu paga meta spicca ta' Lm65.87c fil-gimgha.

## 3. **Preliminari**

Fl-i*Statement of Case* tieghu, l-appellant ikkontenda li safa' mkecci ngustament, ghab-bazi ta' akkuza li ma kkommettiex . Il-kumpanija ssottomettiet li skond l-artiklu 28(3) tal-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali, Att XXX tal-1976, kif emmendata bl'Att XXIII tal-1986 it-talba biex kaz ta' tkeccija jigi riferit lit-Tribunal Industrijali trid issir mhux aktar tard minn erba' (4) xhur mid-data tat-tkeccija, li skond il-kumpanija din ma saritx, ghar-raguni li t-talba lill-Ministru saret fl-10 ta' Lulju 1997, tmien (8) xhur wara li Cassar kien gie mkecci.

Il-kumpanija sostniet li f'dawn ic-cirkostanzi l-kaz ta' Cassar kien dekadut u ghalhekk it-Tribunal ma kellux kompitu skond l-istess Ligi li jiehu konjizzjoni tal-kaz.

## 4. **Sottomissjonijiet**

L-appellant ma kkontestax li l-ittra lill-Ministru biex il-kaz tieghu jigi riferit lit-Tribunal Industrijali saret fl-10 ta’ Lulju, 1997, izda stqarr li dan kien ghar-raguni li t-talba li kien ghamel originaljament ghal dan il-ghan kien irreferiha lis-Segretarju tal-Union li taghha kien membru. Huwa ssottometta li essenzjalment ma kienx naqas minn dak li kienet titlob il-Ligi, ghax in-nuqqas ikkommettieh is-Segretarju tal-Union.

Biex isahhah l-argument tieghu l-appellant ikkwota mis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell datata 6 ta’ Frar, 1996 fil-kaz tal-Avukat Anthony J. Vella in rapprezentanza tas-Socjeta’ estera SCT Finance Ltd, Renju Unit vs Joseph Micallef, li skond l-appellant, il-Qorti tilqa’ u taccetta rapprezentazzjonjiet mill-individwu jkun ghamel l-almu tieghu biex jaghmel rapprezentazzjonijiet anke jekk it-terminu jkun iddekorra u skada.

L-appellant ikkontenda li ghalkemm ma hux kontestat li l-Artiklu 28(3) tal- Att XXX tal-1976 jistipula il-provvediment ta’ terminu ta’ erba’ (4) xhur biex issir it-talba lill Ministru, din fil-fehma tieghu kienet biex telimina l-abbuzi mhux biex teskludi kazi bhal tieghu, fejn it-tort ma kienx tieghu li l-ittra originali ma ntbghatitx lill-Ministru.

L-appellant argumenta li l-iskop ewlieni tat-Tribunal kien li waqt li jkun konformi mal-Ligi, jara li l-proceduri tieghu ma johonqux l-applikazzjoni tal-gustizzja naturali.

Il-kumpanija rrispondiet li l-Artiklu 28 tal-Att XXX dwar Relazzjonijiet Industrijali kif emmendat bl-Att XXIII tal-1986 kien car bizzejjed, stante jistipula li l-kaz irid jitressaq

“mhux aktar tard minn erba’ (4) xhur mid-data effettiva tat-tkeccija”.

F’dan ir-rigward il-kumpanija sostniet li l-Ligi ma tipprovdi l-ebda eccezzjoni biex it-terminu stipulat ta’ erba’ xhur ikun imwarrab. Minn naha l-ohra, ghal dak li jirrigwarda r-referenza ghall-applikazzjoni ta’ dekadenza skuzabbli bhal dak citat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza “Dottor Anthony J. Vella noe vs Joseph Micallef” tas-6 ta’ Frar, 1996 il-kumpanija qalet li l-Artiklu 158(9) tal-Kodici ta’ Procedura Civili jipprovdi li l-konvenut jekk jonqos li jipprezenta fiz-zmien nota ta’ eccezzjoni ghat-talba attrici, hu jigi kkunsidrat kontumaci : “kemm-il darba ma jipprovax ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti raguni tajba li ghaliha naqas li jipprezenta n-nota ta’ eccezzjonijiet fiz-zmien li jmiss.”

Kwindi d-differenza bejn dak li tistipula l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali u l-Kodici tal-Procedura Civili ghal dak li jirrigwarda dekadenza.

Il-kumpanija kkontendiet li ghal dawn ir-ragunijiet, il-kaz ta’ Cassar kien wiehed ta’ dekadenza li bl-ebda mod ma kien jikkwalifika biex ikun processat mit-Tribunal Industrijali.

**<u>Sottomissjonjiet Addizjonali</u>**

Il-kumpanija pprezentat kopja ta’ parir tat-Tribunal Industrijali datat 29 ta’ April, 1988 fil-kwistjoni bejn il-General Workers’ Union ghan-nom ta’ Connie Mizzi vs E. Delikata & Co Ltd (Kaz Nru. 435) li kien jittratta dwar preskrizzjoni u/jew dekadenza.

Fir-risposta tieghu l-appellant qal li d-dokument prezentat mill-kumpanija kien biss parir u ghalhekk ma jistax jorbot lil

dan it-Tribunal. L-appellant ikkontenda li l-kaz tieghu ma jammontax jekk hux preskrizzjoni jew dekadenza.

Qal li l-kaz tieghu kien ibbazat li ma kellux tort li t-talba tieghu ma waslitx fiz-zmien stipulat ta’ erba’ xhur. Fil-fehma tieghu, f’kazi bhal dan ma ghandhiex tigi applikata d-dekadenza u meta l-Qrati u t-Tribunal Industrijali jridu jaraw illi l-gustizzja ssir u mhux sempliciment li tidher li qeghda ssir.

It-Tribunal jidhirlu li ghandu jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet :

6. **<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

Ma hemmx kontestazzjoni li t-talba lill-Ministru responsabbli biex il-kaz ta’ l-appellant Cassar jigi riferit lit-Tribunal Industrijali ggib id-data tal-10 ta’ Lulju, 1997, cioe’ aktar minn tmien (8) xhur mid-data effettiva li gie terminat l-impjieg tieghu.

Din ghalhekk qabzet it-terminu ta’ l-erba’ (4) xhur stipulati fl-Att XXIII tal-1986 li emmenda il-Ligi dwar Relazzjonijiet Industrijali Att XXX tal-1976.

Huwa minnu li t-Tribunal ghandu jara li d-decizjoni tieghu ghandha tkun ibbazata fuq il-gustizzja naturali izda dan ma jfissirx li biex jaghmel hekk jinjora jew imur kontra l-applikazzjoni tal-Ligi. Lanqas ma jista’ t-Tribunal jaghti nterpretazzjoni tal-Ligi fejn il-Ligi tkun cara u ekwivoka u fejn l-istess Ligi ma tinkludix eccezzjoni ghall-cirkostanzi specifici.

Jidher li fil-kaz in ezami l-appellant naqas li jibghat it-talba tieghu fit-terminu ta' erba' xhur rikjest mill-Ligi, u ghalkemm l-appellant iddikjara li d-dewmien ma kienx tort tieghu xorta ma jistax jiskolpa lilu nnfisu mir-responsabbilita' li l-"onus" li jsegwi t-termini tal-Ligi kien tieghu.
Hija l-fehma meqjusa tat-Tribunal li r-raguni li ssottometta l-appellant biex jiggustifika n-nuqqas tieghu li jibghat it-talba tieghu qabel l-gheluq ta' l-erba' xhur stipulati mill-Ligi, ma tistax titqies serja bizzejjed biex it-Tribunal iqis in-nuqqas ta' l-appellant fl-ambitu ta' dekadenza nterrotta.

F'dan ir-rigward, l-appellant kellu r-responsabbilta' li jibghat l-ittra lill-Ministru qabel l-gheluq ta' l-erba' (4) xhur skond il-Ligi, u jkompli fl-istess waqt jittratta l-kaz tieghu mal-Union.

Li ma ghamilx hekk kienet responsabbilta' tieghu biss li ma tistax tigi trasferita lill-haddiehor u uzata bhala argument biex tiskuzah.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, it-Tribuanl wara li kkunsidra bir-reqqa kollha l-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz, l-*iStatements of Case* u l-osservazzjonijiet sussegwenti tal-partijiet, ra d-dokumenti esebiti fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet tieghu citati hawn fuq isib li l-kaz ta' l-appellant Joseph Cassar huwa dekadut peress li t-talba biex it-tkeccija tieghu mill-impjieg tigi riferita lit-Tribunal Industrijali ma saritx fit-terminu ta' erba' (4) xhur kif mitluba mill-Att XXX tal-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali kif emmendata bl-Att XXIII tal-1986 u ghalhekk jastejni li jisma' dan il-kaz.

Ghall-fini ta’ d-drittijiet li jithallsu, t-Tribuanl qieghed jiffissa dawn fl-ammont ta’ erbghin (40) liri maltin lil kull wiehed li assistew lill-partijiet.

B’hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

--------------------
**Carmel Debono**
**CHAIRMAN**

-----------------
**Edwin Spiteri**
**A/SEGRETARJU**

mrg